MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-30 ta' April, 2000

Rikors Numru. 854/2002/1

**Julia S. Merkoulova ghan-nom ta' Eugueni Bogodiaj**

**Vs**

**Lyubov Orlova Shipping Company Limited**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

**Rikors tas-socjeta' konvenuta**

Tesponi bir-rispett

Illi fil-24 ta' Lulju, 2002 il-Prim Awla tal-Qorti Civili fuq talba ta' l-attur Eugueni Bogodiaj laqghet provizorjament ir-rikors tal-attur sabiex is-socjeta' konvenuta tigi projbita

milli taghmel negozju dwar il-bastiment taghha “Lyubov Orlova”;

Illi kemm il-mandatrici specjali Julia Merkoulova kif wkoll l-attur Eugueni Bogodiaj huma ta’ nazzjonalita’ u cittadinanza Russa u minghajr ebda konnessjoni ma’ Malta. Infatti, l-mandatrici u l-attur ma’ ghandhom ebda assi hawn Malta ;

Illi meta wiehed jikkonsidra l-ispejjez tal-proceduri gudizzjarji kif wkoll l-ispejjez ta’ garanzija bankarja li s-socjeta’ konvenuta ghamlet favur l-attur a kawtela tal-pretensjonijiet tieghu, kif wkoll il-possibilita’ li s-socjeta’ konvenuta jkollha ezitu favorevoli fil-proceduri gudizzjarji intavolati kontra taghha, s-socjeta’ konvenuta certament se tibqa’ eluza rigward hlas ta’ drittijiet u spejjez legali u gudizzjarji dovuti lilha u dan ghar-ragunijiet imsemmija ;

Illi f’12 ta’ Gunju, 2002, xahar qabel l-ordni tal-Qorti, is-socjeta’ konvenuta kienet ghamlet konvenju (Memorandum of Understanding) ma socjeta’ estera Factor I Ltd, fejn is-socjeta’ konvenuta obbligat ruhha li tbiegh u tittrasferixxi l-bastiment lis-socjeta’ Factor I Ltd ghas-somma ta’ USD 2,150,000 (ara Dok “I” );

Illi kemm il-darba l-inibizzjoni tal-Qorti mahruga f’Lulju, 2002 kontra s-socjeta’ konvenuta tibqa’ fis-sehh, il-bejgh tal-bastiment jista’ jigi sfrattat u dan ghad-danni finanzjarju kbir tas-socjeta’ konvenuta;

Illi l-Artikolu 37 tal-Att dwar il-Bastiment Merkantili jipprovdi specifikament li meta l-Qorti tigi mitluba tohrog inibizzjoni kontra socjeta’ sabiex ma jsir ebda negozju dwar il-bastiment, l-istess Qorti tista’ timponi fuq ir-rikorrent jew l-attur li jkun talab l-inibizzjoni “garanzija xierqa, dwar danni, imghax u spejjez” a favur tas-socjeta’ konvenuta;

Ghaldaqstant, in vista tal-premessi fuq imsemmija s-socjeta’ attrici titlob lill-Onorabbli Qorti joghgobha fi zmien stabbilit, tordna l-attur jaghmel d-depozitu jew garanzija xierqa in kawtela tad-danni, spejjez u drittijiet li s-socjeta’

konvenuta tista' soffri minhabba l-azzjoni tal-attur, u tordna l-provediment mehtiega fil-kaz li l-attur jonqos milli jobdi l-ordni tal-Onorabbli Qorti.

Rat ir-risposta ta' Julia S. Merkoulova noe a fol 6 fejn qalet li t-talba attrici ghandha tigi michuda minhabba numru ta' ragunijiet.

**MERTU**

Illi fl-ewwel lok irid jinghad illi c-citazzjoni odjerna hija citazzjoni ai termini tal-artikolu 37 tal-Atti Dwar il-Bastimenti Merkantili. Wiehed irid ukoll izid jghid illi l-esponenti minbarra l-procedura odjerna ntavolat ukoll quddiem il-Qrati Maltin kawza fil-mertu kontra l-istess socjeta Lyubov Orlova Shipping Company Limited (citazzjoni Numru 861/02). Ghalhekk kwalunkwe apprezzament tar-rikors odjern irid bilfors isir fl-isfond ta' tali kawza fuq il-mertu.

Illi r-raguni ghalfejn giet intavolata l-azzjoni odjerna u l-azzjoni fuq il-mertu kien sabiex jigi ottenut rimedju ghal-**frodi sfaccat** li gie kommess mis-socjeta' rikorrenti Lyubov Orlova Shipping Company Limited. Dan il-frodi huwa wiehed mill-aktar semplici u ser jigi spjegat fil-qosor.

Illi l-esponent nomine (i.e. Evgueni Bogodyazh) kien dahal shab ma zewg persuni ta' nazzjonalita' Russa, Oleg Abramov u Oleg Ulyanchenko, f'ship owning company li ggib l-isem Lubov Orlova Shipping Company limited (vide dok A) hawn anness. Din is-socjeta' kellha bhala unika assi taghha il-bastiment MV Lyubov Orlova. Din is-socjeta' kellha l-ufficcju registrat taghha f' 18/2, South Street, Valletta, u kellha bhala mandatarji taghha f'Malta lill-ufficcju ta' Dingli & Dingli.

Illi minn wara dahar l-esponent Evhueni Bogodyazh u minghajr wara dahar il-mandatarji Dingli & Dingli, iz-zewg azzjonisti Oleg Ulyanchenko, rregistraw is-socjeta' rikorrenti bl-isem Lyubov Orlova Shipping Company Limited, bl-indirizz 3, Indipendence Square, Valletta, (Vide Dok B) **u abbuzivament** u i**llegalment**, u **b'qerq sfaccat**,

ittrasferew il-bastiment tas-socjeta' Lubov Orlova Shipping Company Limited minghajr konsiderazzjoni bil-konsegwenza li effettivament serqu lir-rikorrent mill-*beneficial ownership* kollu li hu kellu fil-bastiment MV Lyubov Orlova.

Illi ghalhekk l-esponent huwa vittma ta' frodi car fil-konfront tieghi, liema frodi gie kommess mill-azzjonisti tas-socjeta' rikorrenti.

Illi rinfaccat b'din is-sitwazjoni, u bil-fatt li l-unika investiment ta' hajtu insteraq, l-esponent intavola zewg proceduri fil-qrati Maltin. Istitwixxa il-procedura odjerna sabiex il-bastiment ma jigix trasferit, ghax jekk il-bastiment jigi trasferit lil terzi l-esponent ma jkollu l-ebda cans li jigbor sehemu lura; u istitwixxa l-kawza fil-mertu (Citazz Nru 861/02) sabiex it-trasferiment mill-ewwel kumpanija ghat-tieni wahda jigi annullat peress li jikkostitwixxi "fraud on the minority".

Illi ghalhekk hemm bzonn impellenti li l-inibizzjoni mahruga ai termini tal-artikolu 37 tibqa' fis-sehh, ghaliex jekk din titnehha il-frodi tal-esponent ser ikun komplet.

## PUNTI SUSSIDJARJI DWAR IL-MERITU

Illi l-fatt li gie esibit *Memorandum of Undertanding* ghal bejgh tal-bastiment bl-ebda mod ma jfisser li qed jigi rekat xi dannu lis-socjeta' rikorrenti.

(i) Fl-ewwel lok minhabba s-suespost is-socjeta' rikorrenti ma hux suppost li hija l-propjetarja tal-bastiment

(ii) Fit-tieni lok minn imkien ma' jirrizulta li d-dokument imressaq huwa genwin, fil-fatt jekk wiehed jaqra' d-dokument bir-reqqa wiehed iktar jidhrulu dubju dwar il-genwinita' tieghu. Hekk insibu per ezempju :

a) Li hemm diskrepanza fil-prezz tal-bastiment il-figuri jaqraw mod u l-kliem jaqra mod iehor.

b) Hemm diskrepanza bejn l-artikolu 3 u l-artikolu 5.1, rigward iz-zmien li fih ghandu jigi terminat id-*due dilgence.*

c) Hemm diskrepanza wkoll bejn l-artikolu 5.2 u l-artikolu 5.3 rigward meta ghandu jsir il-*formal purchase agreement.* L-istess ghal meta
(iii) Illi anke z-zewg valuri moghtija lill-bastiment huma gholjin sostanzjalment. L-esponent ghandu fil-pussess tieghu “survey report” professjonali hawn anness bhala Dok “C” li jaghti l-valur tal-bastiment f’Mejju 2002 bhala USD 510 000, cioe’ circa 80% inqas minn dak imsemmi fil-ftehim.
(iv) Illi l-fatt li s-socjeta’ rikorrenti qieghda tigi legalment impeduta li tbiegh il- bastiment in kwistjoni bl-ebda mod ma qieghed jirreka danni lis-socjeta’ rikorrenti. Jekk huwa minnu li din is-socjeta’ ghandha l-bejgh imsemmi, l-esponent ikun dispost li jirtira l-inibizzjoni minnu mressqa jekk is-socjeta’ rikorrenti tiddepozita’ bhala garanzija favur l-esponent, porzjon mill-prezz minnha msemmi ekwivalment ghall-proporzjoni fl-ekwita’ li l-esponent Evgueni Bogodiaj kellu u ghan ghandu fis-socjeta’ Lubov Orlova Shipping Company Limited (is-socjeta’ li abbuzivament ittehdilha l-bastiment). Ikun hekk biss li ssir gustizzja u mhux bis-socjeta’ rikkorrenti tipprova tinqeda b’kull tip ta’ procedura sabiex tipprova taghmel *fait accompli* mill-frodi taghha.
(v) Illi mhux minnu li l-esponent m’ghanux assi hawn Malta. Fil-fatt l-esponent ghandu 120 sehem minn 500 sehem f’socjeta’ li suppost hija propjetarja ta’ bastiment li skond is-socjeta’ rikorrenti stess jiswa’ USD2, 500,000. Jekk dal-bastiment inbiegh minn dis-socjeta’ x’imkien suppost li hemm il-prezz li thallas ghal dal-bastiment. L-allegazzjoni li l-esponent m’ghandux assi hawn Malta, tkompli tikkonferma kemm kien frawdolenti l-agir tal-*beneficial owners* tas-socjeta’ rikorrenti.
(vi) Illi fit-tielet paragrafu tar-rikors hemm imsemmi li saret xi garanzija bankarja favur l-esponent. Il-garanzija li saret hija garanzija ghal Lm15,600 li saret f’kawza b’mertu totalment differenti, u cioe Citazzjoni Numru 2652/00, li fiha l-esponent Evgueni Bogodyazh qieghed jaghmel kawza ghall-hlas tas-salarju tieghu. Il-garanzija nghatat volontarjarment mis-socjeta’ rikorrenti f’dak sabiex titnehha inibizzjoni simili, u immedjatament wara li tnehhit l-inibizzjoni simili ghal dik mertu ta’ dil-kawza sar it-trasferiment frawdolenti hawn fuq imsemmi. Certament li

l-istess haga, li hawn fuq spjegat, terga ssir jekk titnehha l-inibizzjoni odjerna.

(vii) Illi jekk ir-rikorrenti verament iridu jbieghu il-bastiment, imisshom jikkawtelaw huma t-talba tal-esponent.

## PROCEDURA

Illi dan ir-rikors sar fl-atti tac-citazzjoni Numru 854/02 li hija l-procedura kontemplata fl-artikolu 37 tal-Att Dwar il-Bastimenti Merkantili. Illi qari tal-istess artikolu 37 jaghmilha cara, illi l-Qorti ghandha diskrezzjoni li tordna lil min qed jitlob il-hrug tal-inibizzjoni li jaghti garanzija fil-mument li l-Qorti qieghda taghti l-ordni. L-inibizzjoni tinghata mill-Qorti biss wara li tkun semghet ic-citazzjoni mressqa u dil-procedura ghadha lanqas biss bdiet f’dan l-istadju. Li hemm in vigore s’issa huwa bis ordni provizorja ai termini tal-artikolu 37 (5) u mhux 37 (1), u kwindi ghadu ghal kollox prematur li tinsab garanzija f’dan l-istadju.

Illi jrid jigi osservat ukoll, minghajr pregudizzju ghal dak li ntqal hawn fuq, li *una volta* Qorti harget ordni, definittiva jew temporanja, jekk dik il-Qorti mal-ordni taghha m’ordnatx li tinghata garanzija, m’ghandhiex tigi Qorti ohra u tordna li ghandha tinghata garanzija, ghaliex ghalhekk wiehed ikun qed jaghti lok ta’ appell indirett mill-ordni originali, haga li l-ligi ma tikkontemplax. Fil-fatt il-ligi titkellem specifikatament dwar meta l-Qorti tista’ tirrevoka l-ordni taghha.

Illi inoltre ir-rikors odjern sar fl-atti tal-kawza Numru 854/02 li hija kawza dikjaratorja, u mhux fil-mertu, u hawnhekk l-ispejjez gudizzjarji huma minimi, u ghalhekk wiehed ma jistax jara x’garanzija tista’ tintalab jew tinghata.

## KONKLUZJONI

Illi in vista tas-suespost l-esponent ihoss illi t-talba tas-socjeta’ rikorrenti ghandha tigi michuda in toto.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk il-Qorti jidhrilha li ghandha timponi xi garanzija fuq l-esponent, din ghandha tkun limitat ghall-ispejjez gudizzjarji u legali tal-procedura odjerni biss.

Illi l-esponent ihoss li jekk ir-rikors jigi appuntat ghas-smiegh huwa jkun f'pozizzjoni ahjar li jispjega l-kaz tieghu u dispost li jivjagga mir-Russa ghal Malta specifikament sabiex jixhed u jressaq dawk il-provi kollha li l-Qorti jista' jkollha bzonn sabiex ikollha l-fatti kollha tal-kaz quddiemha.

Illi sabiex wiehed japprezza ir-risposta tal-esponent wiehed bilfors irid jaghmel referenza ghall-kawza fil-mertu (Citazz 861/02).

Illi jekk jinghata aktar zmien, l-esponent ikun f'pozizzjoni li jipproduci lill-Qorti provi ulterjuri rigward il-fatt li Oleg Abramov u Oleg Ulyanchenko huma frodisti ricerkati mill-Interpol u mahruba mir-Russja, u l-agir taghhom hawn Malta huwa biss anella minn katina shiha ta' rejati kriminali simili.

Illi jekk l-esponent ser jitpogga f'xi pozizzjonji li ma jistax ikompli bil-kawza li huwa fetah, zgur li ser jigi ppregudikat irrimedjabilment ghaliex *una volta* il-bastiment jinbiegh lil terzi, huwa ma jkun qatt jista' jerga jirriprendi sehem mill-istess bastiment, haga li qed jittenta jaghmel permezz tal-proceduri odjerni.

Tant ghandu l-esponent x'jissottometti ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Il-Qorti semghet lill-Avukati difensuri jittrattaw.

Ir-rikorrenti qed titlob li l-intimati jaghmlu depozitu jew garanzija xierqa in kawtela tad-danni, spejjez u drittijiet li s-socjeta' rikorrenti tista' ssofri minhabba l-azzjoni tal-intimati.

Illi f'dan l-istadju l-Qorti mhiex mitluba li tezamina l-mertu tal-kawza li l-intimati (l-atturi fil-kawza 861/02) ipprezentaw. Izda, mill-esposizzjoni tal-fatti maghmula mill-intimati fir-risposta taghhom u d-dokumenti ezibiti, ma jidhirx li l-argumenti proposti minnhom huma manifestament bla bazi, u ghalhekk il-Qorti tista' tghid li r-rimedju kawtelatorju li talbu l-intimati ma kienx wiehed vessatorju.

Il-fatt li nhareg mandat kawtelatorju kontra r-rikorrenti mhux bizzejjed biex hi titlob garanzija. Dan il-fatt wahdu mhux il-kawza gusta li trid il-Ligi. Li kieku kien hekk, il-ligi kienet tghid li kull min inhareg mandat kontra tieghu ghandu jinghata garanzija.

Fil-kaz in ezami r-rikorrenti semmiet li jekk l-inibizzjoni tibqa' fis-sehh, hi ser titlef il-biegh tal-bastiment. Il-Qorti pero' tirrileva li ghandha dubbji dwar il *Memorandum of Understanding* ezibit.

Il-Qorti izda hija tal-fehma li, billi l-intimati huma barranin u minghajr ebda konnessjoni ma' Malta u l-unika assi li jista' jkollhom hu sehem mill-bastiment in kwistjoni, ghandha tinghata garanzija biss ghall ispejjez gudizzjarji u legali tal-kawza.

Fic-cirkostanzi, l-intimati ghandhom jaghmlu depozitu jew garanzija ghall-ispejjez gudizzjarji u legali tal-proceduri odjerni biss fl-ammont ta' Lm2,000 li ghandu jsir fi zmien xahar millum. Fin-nuqqas li jsir dan id-depozitu jew garanzija l-Qorti taghti l-provvedimenti mehtiega.

L-ispejjez jigu regolati bl-istess mod kif eventwalment tiddisponi s-sentenza fil-mertu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------